**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 441/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**
**James Bugeja**

**Illum 3 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

James Bugeja, detentur tal-karta tal-identita' no: 125272(M):

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Mejju, 2018 ghall-habta ta' 18:15 hrs waqt li kien gewwa No 21, Triq il-Hawt, Swieqi u/jew fil-vicinanzi:

1. Hebb ghal Christiane Marino, ID No: 29631A u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skont kif icceritfikat Dr. Lara A. Micallef M.D. Reg No 3695 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana liema Christiane Marino ghandha zewgt itfal komuni mieghu. (Art 221(1), Art 222(1)(a) u Art 202(h) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni (Art 339(1)(e) tal-Kap 9).

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 8 ta' Novembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikat mediku rilajxxat lil Christiane Marino, estratt mill-att tac-certfikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, current incident report datat 16 ta' Mejju, 2018 mmarkat bhala Dok NS1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Mia Bugeja mmarkat bhala Dok NS2, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Sam Bugeja mmarkat bhala Dok NS3,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Christiane Marino, Spettur Nikolai Sant, PC 1052 Brian Tonna, PS 156 Ivan Attard, Dr. Lara Testa.

Semghet ix-xhieda tal-imputat James Bugeja, dettata b'mod volontarju fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu.

**Christiane Marino**, tispjega li ghamlet rapport f'Mejju tas-sena 2018 stante li dak inhar hija waslet lit-tfal Sam u Mia ghand missierhom James Bugeja fejn talbet lill-istess James Bugeja itiha xi dokumenti ghal Skola Sajf u James Bugeja rrabbja mill-ewwel u rrifjuta li jtiha dawn id-dokumenti ghaliex beza' li l-Avukati taghha jistghu idawru l-kaz ta' manteniment kontrih, stante li f'dawn id-dokumenti kellu jiddikjara l-introjtu tieghu. Tghid li dak il-hin li talbitu d-dokumenti hija kienet qed terfa' t-tifla taghha ta' sena u nofs u magenba kellha t-tifel ta' hames snin, liema tfal m'humiex ta' James Bugeja. James Bugeja beda jaghti daqqiet lil Christiane Marino fuq il-warda ta' wiccha kif ukoll ghonqa u hi talbitu jieqaf peress li kien hemm ir-riskju li se jolqot lit-tifla. Sahansitra anke t-tifla taghhom Mia dahlet bejniethom biex twaqqaf lil James Bugeja milli jkompli jaghti lill-ommha. Wara dan l-incident, hija marret il-poliklinika peress li kellha ugiegh fuq in-naha tal-lemin ta' wiccha u ghonqha u kellha xi hmura wkoll. Tikkonferma li d-daqqiet li qalghet ma kienux bil-ponn izda bic-catt.

**PC 1052 Brian Tonna**, jghid li fis-16 ta' Mejju, 2018 ghal habta ta' 7:55 p.m. kienet qieghed xoghol l-ghassa ta' San Giljan u dahlet Ms. Marino taghmel rapport li dak inhar stess ghal habta ta' 6:15 p.m. gewwa 20, Triq il-Hawt, Swieqi, hija waslet it-tfal lill-ex partner taghha James Bugeja fejn talbitu jtiha xi dokumenti rigward Skola Sajf.

Hawnhekk James Bugeja beda jghajjat maghha u qalilha li qed tirrovinalu hajtu, u f'hin minnhom taha daqqa ta' harta fuq in-naha tal-lemin ta' wiccha b'idu x-xellugija. Jispjega li Ms. Marino qaltlu li dak il-hin li qalghet id-daqqa ta' harta, hija kienet qed izzomm lit-tifla ta' sena u nofs fuqha. Dan l-incident gara kollu fil-prezenza tat-tfal Kilu u Mia, li hija t-tifla ta' James Bugeja. PC 1052 Brian Tonna nfurma b'dan kollu lis-surgent tieghu PS 156.

**PS 156 Ivan Attard**, jikkonferma li l-kollega tieghu PC 1052 Brian Tonna nfurmah li certa Christiane Marino marret tirraporta li dak inhar li marret twassal lit-tfal lill-ex partner taghha u fakritu biex jghaddilha xi karti, huwa beda jgholli lehnu u jghajjat maghha u sahansitra anke mbuttaha fil-prezenza tat-tfal. FIl-25 ta' Mejju, is-surgent bghat ghal James Bugeja fejn tah id-drittijiet kollha u dan James Bugeja kkonferma li Christiane Marino kienet talbitu jiffirmali xi dokumenti. Jghid li dawn id-dokumenti kellhom indikazzjoni tal-introjtu tas-sur Bugeja. Is-sur Bugeja cahad li hebb ghal Christiane Marino.

**Dr. Lara Testa**, tikkonferma li kienet rat lill-Christiane Marino fejn iccertifikat lill-istess li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa. Li kieku rat xi hmura jew tbengil fuq il-pazjenta, kienet tinnota dawn il-griehi fuq ic-certifikat.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019) fejn hija dehrilha li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2019 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

**Dr. Lara Testa,** regghet xehdet fl-14 ta' Novembru, 2019 fejn regghet ikkonfermat li kieku rat xi hmura jew tbengil fuq il-pazjenta Christiane Marino, kienet tinnota dan fic-certifikat mediku.

**James Bugeja,** jghid li Christiane Marino haditlu t-tfal ghandu u dak inhar tal-incident talbitu jiffirma dokument liema dokument kien jiddikjara li huwa mpjegat mentri fil-fatt huwa ma kienx impjegat stante li kien se jbiddel ix-xoghol. Jghid li Christiane Marino rrabjat u talbitu tidhol gewwa d-dar tieghu u hu rrifjuta. Jikkonferma li Christiane Marino kellha tarbija f'idejja u bdiet timbutta biex tidhol, izda James Bugeja baqa' fl-entrata tal-bieb u ma hallihiex tidhol gewwa d-dar. Ghal dan l-incident, kienu prezenti Christiane Marino, zewgt itfal minn irgiel ohra, it-tfal taghhom li kienu gewwa d-dar u hu. Jinnega li qatt refa' jdejh fuqha specjalment ghaliex kienet qed iggorr tarbija.

Saret it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz ghajr il-verzjoni ta' James Bugeja, il-parti leza Christiane Mamo u t-tabiba Lara Testa, ma hemm l-ebda prova ohra li ma hix *detto del detto* kif wara kollox hija x-xhieda tal-pulizija kollha li xehdu f'din il-kawza.

Kif qalet il-kawza *"Il-Pulizija vs Joseph Thorne"* deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, *"…mhux kull kunflit fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' kunflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix se temmnu jew ma temmnux."* (Ara wkoll ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et. [ 19-10-2006]).

Jirrizulta fiz-zgur li bejn il-partijiet inqala argument, u li l-parte leza kellha minuri maghha u fuq idejha kellha tarbija ta' sena u tmien xhur, u l-istess Christiane Marino tghid li l-imputat ta daqqiet fuq wicca u fuq ghonqha. L-imputat jghid li dan mhux minnu ghaliex huwa ghalkemm illatika ma' Christiane Marino, ma refax idu fuqha. Tajjeb li wiehed jinnota li t-tabiba li harget ic-certifikat mediku wara li rat lil Christiane Marino

ikkonfermat darbtejn bil-gurament fil-Qorti li effettivament Christiane Marino qalet li kienet qed thoss ugiegh f'ghonqa, izda ma rat l-ebda marka hamra jew ta' tbengil.

L-ugiegh m'huwiex xi haga li l-Qorti jew xi tabib jista' jara jew jiddetermina li vera qeghda hemm, ic-certifikat ma jindika xejn minn dak li t-tabiba setghet tikkonstata verbalment izda jindika biss dak li Christiane Marino qalet x'kienet qed thoss dak il-hin. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-allegazzjoni li ghamlet Christiane Marino f'dan il-punt ma hix ikkorraborata bi provi u dan ghaliex ic-certifikat la jindika tbengil u lanqas hmura. Il-Qorti apparti minn hekk u anke wara li semghet iz-zewg partijiet, l-ebda wahda mill-partijiet m'hu qed jirrizultalha li hi iktar sincera minn ohra. Dan dejjem skond it-*test* li l-Qorti ghamlet ai termini ta' l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre din il-Qorti temmen lill-imputat meta jghid li jsibha difficli jwegga' persuna proprju meta ghandha tifel zghir fuq idejha.

Il-Qorti mhux qed jirrizultalha bizzejjed provi biex issib lill-imputat hati minghajr dubju dettat mir-raguni.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi u fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat **James Bugeja** hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**